

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [hr](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Kroat

Swipe to change

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE**il-Kroazja**

Fir-Repubblika tal-Kroazja r-reġistru tal-qorti huwa mmaniġġjat mill-qrati kummerċjali (trgovački sudovi).

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kumentwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanil-Griegli-Inglišil-Franċiżit-Taljanil-Latvjanil-Litwan
I-Ungerizil-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżil-Isvediż

Ir-reġistru tal-qorti (Sudski registar)

Ir-reġistru tal-qorti huwa reġistru pubbliku li fih dejta u dokumenti dwar entitajiet li skont il-liġi għandhom jiġu mdaħħla. Kull qorti li twestaq ir-reġistrazzjoni hija responsabbli għall-awtentiċità tal-entrati tagħha fir-reġistru. Fir-reġistru jiddaħħal dan li ġej: kumpaniji kummerċjali pubbliċi, soċjetajiet limitati, gruppi b'interess ekonomiku, kumpaniji b'ishma konġunti, kumpaniji b'responsabbiltà limitata, negozjanti waħedhom, Kumpaniji Ewropej (SEs), Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (EEIGs), Soċjetajiet Kooperattivi Ewropej (SCEs), istituzzjonijiet, komunitajiet ta' istituzzjonijiet, kooperattivi, unjonijiet ta' kooperattivi, unjonijiet tal-kreditu, kumpaniji b'responsabbiltà limitata (j.d.o.o.) u persuni oħra li skont il-liġi jridu jiġu reġistrati. Is-sussidjarji jiddaħħlu fir-reġistru jekk dan ikun mitlub mil-liġi.

Ir-reġistru ma fihx dejta dwar artiġġani jew assoċjazzjonijiet.

Kulħadd, mingħajr ma jkollu għalfejn jagħti prova ta' xi interess leġittimu, huwa intitolat li jeżamina l-informazzjoni mdaħħla fir-reġistru ġenerali, id-dokumenti li fuqhom tkun ibbażata entrata u d-dokumenti u l-informazzjoni l-oħrajn mażżuna fil-ġabra ta' dokumenti (ħlief għal dokumenti li l-liġi tgħid li mhumiex soġġetti għall-prinċipju tad-dominju pubbliku). Kulħadd jista' jitlob ukoll estratt, kopja ċertifikata jew traskrizzjoni ta' dokumenti u dejta mażżuna fil-ġabra ta' dokumenti.

Reġistru**Informazzjoni dwar id-dħul fir-reġistru u l-pubblikazzjoni ta' dejta dwar entitajiet reġistrati**

Il-biċċiet ewlenin ta' leġiżlazzjoni li jirregolaw it-twaqqif ta' entitajiet soġġetti għal reġistrazzjoni u d-dħul tagħhom fir-reġistru huma: l-Att dwar ir-Reġistru tal-Qorti (*Zakon o sudskom reġistru*) (minn issa 'l quddiem "ZSR"), l-Att dwar il-Kumpaniji Kummerċjanti (*Zakon o trgovačkim društvima*) (minn issa 'l quddiem "ZTD") u r-Regoli dwar il-metodu li bih issir entrata fir-reġistru tal-qorti (*Pravilnik o načinu upisa u sudski registar*). Id-dejta stipulata mil-liġi, u kull bidla lil tali dejta, tiddaħħal fir-reġistru abbażi ta' dawn il-liġijiet.

Id-dejta dwar entitajiet reġistrati hija aċċessibbli 24 siegħa kuljum u tista' tiġi kkonsultata mingħajr ħlas fuq is-[sit web tar-reġistru tal-qorti](#).

It-tnedija tal-proċedura ta' reġistrazzjoni

Il-proċedura li biha ssir entrata fir-reġistru tinwieda permezz ta' applikazzjoni bil-miktub għad-dejta li għandha tiddaħħal, jew għad-dejta li trid tiġi emendata, li tiġi konsenjata f'forma kartacea jew elettronikament lill-qorti tar-reġistrazzjoni. Applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lil qorti fi żmien 15-il jum mid-data li fuqhom jintlaħqu l-kundizzjonijiet għad-dħul, ħlief meta l-liġi tipprevedi mod ieħor. Qorti tista' tniedi l-proċedura *ex officio* meta dan ikun previst mil-liġi.

In-nutara jistgħu jikkomunikaw elettronikament mal-qorti li tkun qed twestaq ir-reġistrazzjoni, skont is-setgħat tagħhom u d-dispożizzjonijiet taz-ZSR.

Hemm proċedura simplifikata għar-reġistrazzjoni ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata sempliċi (j.d.o.o.) (kumpanija b'mhux iktar minn tliet membri, bord maniġerjali ta' persuna waħda u kapital azzjonarju ta' mill-inqas HRK 10.00). Sabiex jiġu stabbiliti b'dan il-mod, tali kumpaniji jridu jużaw il-formoli mfassla minn nutar.

Il-persuni li ġejjin huma awtorizzati jissottomettu applikazzjonijiet għad-dħul fir-reġistru:

Nutara (li huma awtorizzati jissottomettu applikazzjonijiet elettronikament u li joħroġu estratti, kopji u traskrizzjonijiet skont l-Artikolu 4(2) ZSR).

Persuni li huma awtorizzati skont il-liġi li jipproponu entrati fir-reġistru (personalment jew permezz ta' rappreżentant awtorizzat).

Persuni li jitttrattaw ma' kwistjonijiet tal-uffiċċji *HITRO.HR* (li huma awtorizzati jissottomettu applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpaniji kummerċjanti permezz tas-sistema *e-Tvrka*, b'konformità mas-setgħat stabbiliti f'regolamenti separati).

Effett ta' entrata

Entrata jkollha effett legali għall-entità reġistrata fil-jum wara l-entrata fir-reġistru (ħlief meta l-liġi tipprevedi mod ieħor) u jkollha effett legali għal partijiet terzi fil-jum li fih tkun ippubblikata.

Ħadd ma jista' jgħid li ma jafx informazzjoni mdaħħla fil-ktieb ġenerali tar-reġistru li tkun ġiet ippubblikata fil-manjiera stipulata miz-ZSR.

Kull persuna tista' tiċċita entrata fir-reġistru rigward dejta legalment stabbilita u fatti li jiddaħħlu fir-reġistru f'konformità mal-liġi, ħlief għal persuna li jintwera li kienet taf li d-dejta relevanti fl-entrata fir-reġistru ma kinitx tikkorrispondi għar-realtà. L-azzjonijiet meħuda minn parti terza qabel is-sittax-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' entrata fir-reġistru ma tistax tiġi opposta abbażi tad-dejta reġistrata jew id-dokumenti msemmija fil-pubblikazzjoni, jekk il-parti terza tista' tagħti prova li hi ma setgħetx tkun taf dwarhom.

Persuna b'*bona fede* ma tistax issofri dannu talli tkun qagħdet fuq entrata fir-reġistru rigward dejta u fatti legalment stabbiliti.

Reati u mġiba ħażina u l-pieni imposti mill-qrati li jwettqu r-reġistrazzjoni

Ir-reati, imġiba ħażina u l-pieni imposti mill-qrati li jwettqu r-reġistrazzjoni huma stipulati fl-Artikoli 624 sa 632 ZTD, u t-tnedija ta' proċedura tat-twissija u l-penalizzazzjoni ta' persuni li kellhom id-dmir li jwettqu obbligi legali rigward is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul fir-reġistru hija regolata mill-Artikoli 81 u 81a ZSR.

L-aħħar aġġornament: 06/09/2016

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew

kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.